**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 19 ta' Frar, 2024**

**Rikors Guramentat Nru: 177/2016 AF**

**Margaret Camenzuli**

**vs**

**Renato *sive* Roland *sive* Renee Portelli**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tar-rikorrenti Margaret Camenzuli, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Il-kontendenti huma ulied id-defunti Joseph Mary Portelli (I.D. nru. 406413M) u Maria Portelli (I.D nru. 415018M), flimkien ma' ohthom Rita Dryhaus.

L-omm, Maria Portelli giet nieqsa nhar l-ewwel (1) ta' Awwissu 2015 fl-età ta' 96 sena.

L-eredità taz-zewg genituri gew regolati mis-segwenti testamenti:

i. Testment unica carta in atti Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha tad-dsatax (19) ta' April tas-sena elfejn (2000) (Dok.C);

ii. Testment maghmul minn Maria Portelli in atti Nutar Dottor Roland John Wadge nhar is-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgha (17.09.2007) fil-hdax ta' filghodu (11.00am) (Dok.D); u

iii. Testment maghmul minn Maria Portelli in atti Nutar Dottor James Grech nhar il-hmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fid-disgha u kwart ta' filghodu (9.15am) (Dok.E).

L-ahhar zewg testament hawn fuq indikati huma il-frott tal-qerq ta' l-intimat li wassal li biex igieghel lit-testatrici taghmel tali testmenti u tibdel dispozizjonijiet testamentarji maghmula minnha fit-testment unica carta hawn qabel indikat mod li l-ahhar zewg testament saru biss u esklussivament sabiex jigi agevolat l-istess intimat.

Inoltre l-intimat tul il-hajja tad-defunti Joseph Mary Portelli u Maria Portelli kien prokuratur ta' l-istess flimkien mar-rikorrenti.

Irrizulta li Rene Portelli kien izomm lir-rikorrenti fl-oskur ghal dak li kien qieghed jaghmel in ezekuzzjoni tal-prokuri moghtija lilu mill-genituri tieghu.

Irrizulta ukoll li tul hajjet il-genituri tieghu, huwa appropja u dawwar ghalih flejjes u oggetti ohra propjeta' ta' l-istess genituri tieghu u minkejja li obbliga ruhhu li jirrestitwixxi l-istess, huwa baqa' inadempjenti.

Ir-rikorrenti interpellat lill-intimat permezz ta' ittra ufficjali datata nhar id-disgha (9) ta' Dicembru 2015 sabiex jirregola il-posizzjoni tieghu izda huwa baqa' inadempjenti.

Ghalhekk kella ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li iz-zewg testmenti maghmula nhar is-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgha (17.09.2007) fil-hdax ta' filghodu (11.00am) u dak maghmul nhar il-hmistax (15) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fid-disgha u kwart ta' filghodu (9.15) mid-defunta Maria Portelli (I.D 414018(M)) huma nulli u bla effett fil-ligi in kwantu saru frott il-qerq ezercicat mill-intimat fuq l-istess decuius.

2. Konsegwentement tiddikjara lil intimat Rene Portelli bhala mhux dehen sabiex jircievi b'testment ai termini tal-Artiklu 605 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u taghti dawk id-direttivi u l-ordnijiet li jidrilha xierqa dwar kif ghandha tigi regolata l-eredità ta' Maria Portelli (I.D nru. 415018M).

3. Tiddikjara li l-intimat indebitament appropja ghalih flejjes u proprjetà tad-defunti Joseph Mary Portelli u Maria Portelli.

4. Tillikwida occorrendo permezz ta' periti nominandi l-ammont u l-valur tal-flejjes u l-proprjetà tad-decuius Joseph Mary Portelli u Maria Portelli li l-intimat appropja ghalih indebitament.

5. Tikkundanna lil intimat ihallas is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Dicembru 2015 u bl-imghax dekorribli skont il-ligi kontra l-intimat li huwa min'issa ngunt in subizzjoni.

B'rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti fil-ligi.

Rat ir-risposta guramentata ta' Renato Portelli, li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

L-ewwel talba tar-rikorrenti hi ghal kollox bla bazi billi l-esponenti ma pprattika ebda qerq jew kwalsiasi forma ta' raggiri li setghu inducew lit-testatrici taghmel iz-zewg testmenti li taghhom ir-rikorrenti qeghda tippretendi n-nullità. F'kull kaz il-prova tal-allegat qerq tinkombi lill-istess rikorrenti, kif ukoll li tali allegat qerq kien gravi u determinanti.

Fil-kaz tat-tieni talba din ukoll hi insostenibbli, gjaladarba hu ma ghamel ebda atti frawdolenti u qarrieqi biex jigi dikjarat indenji, kif hekk pretiz mir-rikorrenti.

Kwantu ghat-tielet, ir-raba u l-hames talbiet dawn huma wkoll infondati, jekk mhux ukoll kapriccjuzi, stante li l-esponenti ma approprja ebda flejjes tad-defunti genituri tal-kontendenti, li taghhom, incidentalment ukoll, l-istess rikorrenti kienet prokuratrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża li ħarġet minn disgwid bejn il-partijiet, aħwa Portelli, fir-rigward ta' żewġ testmenti li omm il-partijiet għamlet waħedha u li bihom bidlet dak li kien dispost

bis-saħħa tat-testment unica carta tal-ġenituri tal-partijiet. Ir-rikorrenti tallega illi dan huwa frott il-qerq u l-ingann perpetrat mill-intimat li fil-fehma tar-rikorrenti, approprja wkoll ruħu minn flus u proprjetà li kienet tappartjeni lill-eredità tal-ġenituri tagħhom. Talbet għalhekk illi t-testmenti ta' ommhom Maria Portelli jiġu dikjarati nulli konsegwenza ta' qerq u li konsegwentement l-intimat jiġi dikjarat bħala li mhuwiex dehen li jirċievi b'testment ai termini tal-Artikolu 605 tal-Kap. 16. Talbet ukoll dikjarazzjoni li l-intimat approprja ruħu minn flejjes u proprjetà tat-testaturi u li għalhekk għandu jiġi kkundanat iħallas lill-attriċi l-ammont li hija titlob għandu jiġi likwidat favur tagħha in virtu ta' tali misapproprjazzjoni indebita.

Fir-risposta ġuramentata tiegħu l-intimat ċaħad tali allegazzjonijiet u eċċepixxa li la pperpetra qerq, la aġixxa b'mod frawdolenti u li lanqas ma wettaq atti ta' miżapproprjazzjoni.

Jirriżulta illi miż-żwieġ ċelebrat bejn Joseph Maria Portelli u Maria Portelli nèe Schembri twieldu tlett itfal u cioè, ir-rikorrenti, l-intimat u Rita Dryhaus li mhijiex parti f'dawn il-proċeduri. Joseph Maria Portelli miet fis-sena 2010 waqt illi Maria Portelli mietet fis-sena 2015.

Id-defunti konjuġi Portelli rregolaw is-suċċessjoni tagħhom permezz ta' żewġ testmenti unica carta. L-ewwel testment sar fit-23 ta' Frar 1993 fl-atti tan-Nutar Joseph Mary Sciriha. It-tieni testment huwa dak datat 19 ta' April 2000 ukoll fl-atti tal-imsemmi Nutar. Bis-saħħa ta' dan it-testment it-testaturi ħassru kull testment preċedenti, ħallew lil xulxin il-pjena proprjetà ta' flushom u l-ishma fid-diversi proprjetajiet illi kellhom, istitwew lit-tlett uliedhom bħala eredi universali tagħhom waqt illi ddisponew minn beni mmobbli favur it-tlett uliedhom permezz ta' diversi legati.

Sadanittant, fis-17 ta' Settembru 2007, Maria Portelli waħedha resqet quddiem in-Nutar Dottor Roland John Wadge sabiex għamlet testment permezz ta' liema ħalliet b'titolu ta' legat favur l-intimat il-flus kollha illi hija kellha f'kontijiet bankarji sia dawk f'isimha personalment kif ukoll f'kontijiet konġunti maż-żewġha, kif ukoll flus kontanti.

In segwitu għall-mewt ta' Joseph Portelli, Maria Portelli għamlet testment ieħor, dak datat 15 t'Ottubru 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor James Grech, permezz ta' liema hija ħassret l-artikolu 3 kif rifless fit-testment unica carta tad-19 ta' April 2000 u cioè ħassret dik id-disposizzjoni permezz ta' liema hi u d-defunt żewġha ħallew lil xulxin il-flus, l-investimenti u l-ishma kollha li kellhom fil-proprjetajiet, kif ukoll xi legati ta' proprjetà f'isem ir-rikorrenti waqt illi ħalliet favur l-intimat, b'titolu ta' legat is-sehem intier fil-proprjetajiet numru 39 u 40, Bognor Beach, San Pawl il-Baħar, Buġibba, inkluż il-mobbli kollha kif ukoll sehem sħiħ tal-appartament numru 2, Jofgal Court A, Triq il-Mazzola, Bugibba inkluż il-mmobbli. Altrimenti hija kkonfermat id-disposizzjonijiet kif riflessi fit-testmenti preċedenti tagħha. Jirriżulta li qabel sar dan it-testment it-testatriċi ġiet iċċertifikata mill-psikjatra Dottor George Debono bħala li hija mentalment kapaċi li tiddisponi minn ġidha b'testment.

Fl-aħħar snin ta' ħajjithom id-defunti kienu residenti ġewwa Casa Serena u dan għaliex bejn minħabba l-età avvanzata tagħhom u bejn minħabba problemi mediċi, ma kienx possibbli għalihom li jibqgħu jirrisjedu ġewwa darhom. Maria Portelli bdiet ir-residenza tagħha f'Casa Serena fit-3 t'Awwissu 2007 waqt illi Joseph Maria Portelli beda r-residenza tiegħu ftit wara u cioè fit-22 ta' Frar 2008. Mill-provi estensivi in atti jirriżulta li l-ispiża komplessiva għas-soġġorn tal-konjuġi Portelli minn mindu daħlu fid-dar residenzjali sakemm ġew nieqsa, telgħet għal xejn inqas minn €154,111.78. Ir-rappreżentant ta' Casa Serena xehed illi dan l-ammont tħallas fl-intier tiegħu anki jekk kien hemm perjodu fejn il-pagamenti saru b'mod kemm xejn tardiv.

Irriżulta li l-konjuġi Portelli kellhom patrimonju sostanzjali konsistenti prinċipalment f'diversi proprjetajiet imqassmin madwar Malta. Joseph Mary Portelli kien fin-negozju li mill-provi jidher li kien negozju tajjeb. Għal raġunijiet ta' saħħa huwa kellu jirtira min-negozju biss is-sehem tiegħu għaddih lill-intimat li kompla fejn ħalla missieru.

Jirriżulta wkoll illi l-proprjetà formanti l-ġid tad-decujus kienet u għada tinkera. Mill-provi jirriżulta li l-intendiment kien illi mir-

rikavat tal-kera jitħallsu l-ispejjeż relattivi għas-soġġorn tal-konjuġi Portelli ġewwa Casa Serena u spejjeż oħra.

Intant, id-defunti konjuġi Portelli rrilaxxjaw prokura favur ir-rikorrenti u l-intimat. Din il-prokura saret fil-11 t'April 2008 fl-atti tan-Nutar Joseph Sciriha. Jirriżulta li l-użu tal-prokura kienet tali li jirrikjedi l-firma taż-żewġ prokuraturi.

Ġara illi f'xi żmien beda jinqala diżgwid bejn il-partijiet bir-rikorrenti takkuża lill-intimat li ma kienx qiegħed jiddepożita fil-bank il-flus mir-rikavat mill-kirjiet varji. Ġara wkoll li lanqas ma kienu qegħdin jitħallsu l-kontijiet ta' Casa Serena b'tant illi l-bilanċ dovut akkumula ġmielu. Bil-ħsieb li l-kontijiet jitħallsu b'mod tempestiv u li l-patrimonju tal-ġenituri jiġi amministrat b'mod ġust u rett, il-partijiet qablu li jinkarigaw lill-Avukat Dottor Bertrand Schembri sabiex oltre li jħallas il-kontijiet relattivi għal Casa Serena, jieħu ħsieb ukoll jiġbor il-kirijiet. Għal dan il-għan infetaħ kont bankarju appożitu mal-Bank of Valletta plc u l-Avukat Schembri ħa ħsieb javża lill-inkwilini relattivi sabiex madanakollu jiddepożitaw il-kera direttament fil-kont bankarju lilhom indikat. Mill-provi jirriżulta li, l-intimat xorta waħda baqa' jiġbor xi kirjiet huwa personalment u dan billi jirċievi l-ħlas in kontanti. Kompla jinqala l-inkwiet bejn il-partijiet f'din il-kawża u għalhekk ġew abbozzati tlett dikjarazzjonijiet: waħda datata 5 ta' Jannar 2009 permezz ta' liema l-intimat iddikjara li kellu jirrifondi lura s-somma ta' €4,844.37; oħra datata wkoll 5 ta' Jannar 2009 għas-somma ta' €4,174.33; u l-aħħar waħda datata 10 ta' Ġunju 2009 permezz ta' liema l-intimat obbliga ruħu li jiddepożita s-somma ta' €1,000 fis-sena b'effett mill-10 ta' Ġunju 2009 u dan sabiex jirrifondi lura l-ammonti ndikati fl-iskritturi preċedenti.

Il-pern tal-kwistjoni huwa jekk l-aġir tal-intimat fl-amministrazzjoni tal-patrimonju tal-ġenituri tiegħu, u t-testmenti li għamlet Maria Portelli waħedha humiex vizzjati mill-qerq perpetrat mill-intimat biex jieħu għalih dak kollu li jista' mill-partrimonju tal-ġenituri tiegħu.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tqis illi din il-kawża bħal ħafna kawżi oħra simili hija naxxenti minn pika personali bejn il-partijiet. Tgħid

dan għaliex li kieku r-rikorrenti kellha nteress ġenwin li tiġi rikostruwita l-massa ereditarja u li ssir il-qasma u l-assenjazzjoni tal-wirt b'mod rett, allura kienet tinkludi fil-kawża anki lil oħtha Rita Dryhaus jew xi rappreżentat tagħha. Il-fatt illi Rita Dryhaus tħalliet barra minn dawn il-proċeduri, anki jekk afflitta minn problemi ta' saħħa mentali u allura l-Qorti tifhem id-diffikultà, juri kemm ir-rikorrenti għandha biss interess personali. Din il-fehma tal-Qorti ssib konferma fix-xhieda mhux biss tal-intimat iżda partikolarment kif din ġiet korroborata minn Josiah Grech li kien id-direttur Maniġerjali ta' Casa Serana bejn is-sena 2007 u s-sena 2013.

Mix-xhieda ta' Josiah Grech jirriżulta li l-intimat kien ta' spiss iżur lill-ġenituri tiegħu u għal dak kollu li dawn kienu jeħtieġu dejjem kien jiġi avviċinat u nfurmat direttament l-intimat. Grech xehed illi r-rikorrenti wkoll kienet iżżur lil ommha biss kien hemm diversi okkażjonijiet fejn id-defunta Portelli lanqas biss kienet tkun trid tara lil bintha. Huwa xehed kif ir-rikorrenti kienet taqla l-inkwiet kull meta tmur tara lil ommha tant li ħafna drabi l-omm kienet tieħu kedda u tispiċċa bi qtugħ ta' nifs u palpitazzjoni li jkollhom jiġu msejjħa l-infermiera biex jikkalmawha. Issokta jgħid illi:

> "*Sfortunatament kien hemm wisq rabja li kienet enormi lejn Renee mingħand oħtu Margaret. ... Kienu tista' tgħid konsistenti u voluminużi l-okkażjonijiet u episodji ta' għajjat u rabja bejn Margaret u Renee saħansitra bejn Margaret u ommha Maria stess. Ġieli anke jien stess kont smajtha tgħajjat m'ommha u tgħidilha "inti ma' Renee biss tissimpatizza!" Kien hemm anke okkazjoni fejn tant ħadet battikata Maria meta ġiet iżżura Margaret li kellna nsejħulha ambulanza għaliex kienet qiegħda taqta' nifisha bħal donnu ġej attakk tal-qalb*." (a fol. 999)

Kompla jixhed illi Maria Portelli kien ikollha tbissima fuq wiċċha li tisparixxi kull darba li kienet tmur taraha r-rikorrenti. Żied ukoll jirrakkonta dwar episodju fejn waqt argument jaħraq bejn il-partijiet waqt illi dawn kienu qed jiddiskutu fl-uffiċċju tiegħu, ir-rikorrenti aggrediet lill-intimat u waqqgħetu minn fuq is-siġġu.

Dan spiċċa ħabat u weġġa' serjament. F'dan ir-rigward l-intimat ippreżenta xi ritratti li juru l-ġrieħi li sofra kif ukoll rapport mediku dwar l-inċident. Dak inhar l-intimat irraporta lir-rikorrenti lill-Pulizija u ttieħdu passi fil-konfront tagħha – din il-kawża eventwalment twaqqgħet bi ftehim bejn il-partijiet.

Il-Qorti tosserva li ma sar ebda kontro-eżami lix-xhud Josiah Grech.

Jirriżulta li nonostante kemm suspetti r-rikorrenti kellha dwar l-operat ta' ħuha din ma kinitx tieħu nteress fl-amministrazzjoni kif lanqas ma kienet attiva fil-ġbir tal-kirijiet. Fatt dan li hija stess ammettiet fix-xhieda tagħha.

Ir-rikorrenti ressqet varji akkużi fil-konfront tal-intimat inkluż ukoll li dan ġibed flejjes mill-kontijiet ta-ġenituri għad illi kif tirrikonoxxi l-istess rikorrenti, l-użu tal-prokura għall-amministrazzjoni tal-kontijiet bankarji kienet tabilħaqq tirrikjedi l-firma kemm tar-rikorrenti kif ukoll tal-intimat.

L-intimat jirrikonoxxi li l-ġenituri tiegħu għamlu ħafna miegħu inkluż billi missieru għaddielu negozju diġa avvjat u tawh għajnuna oħra ta' natura finanzjarja.

L-intimat ikkonferma wkoll li kien proprju hu li rranġa sabiex in-Nutar Wadge, u eventwalment in-Nutar Grech u l-psikjatra Dottor Debono marru Casa Serena u waqt li wieħed iċċertifika l-istat mentali ta' Maria Portelli l-ieħor irrediġa t-testment tagħha. Ir-rikorrenti tallega li Maria Portelli kienet qed timmaġina u tħawwad fl-aħħar żmien ta' ħajjitha u li allura ma kinitx f'kundizzjoni tagħmel testment. Tgħid ukoll li kienet afflitta minn bidu ta' dementia. Madanakollu, Josiah Grech li oltre li kien inkarigat minn Casa Serena serva wkoll bħala xhud fuq it-testment ta' Maria Portelli tal-15 t'Ottubru 2010, xehed illi:

> "*Maria kellha moħħha tajjeb ħafna u ma kinitx mara li tħawwad jew li ma tafx x'riedet. Meta Maria għamlet dak it-testment kienet normali ħafna u n-Nutar kien qed isaqsiha xi mistoqsijiet biex jaċċerta ruħu li kienet qiegħda tifhem x'kien qed jinkiteb bħala l-volonta' tagħha u <u>qatt</u> ma ħadt xi*

*mpressjoni li ma kinitx taf x'inhu jiġri jew li b'xi mod kienet sfurzata*." (a fol. 999)

Xehed ukoll in-Nutar Dottor James Grech li qal li

"*Għall-eta' tagħha t-testatriċi kienet tajba*" (a fol 972),

u li

"*Jiena naf illi t-testatriċi qaltli li riedet tbiddel it-testment għaliex il-bniet, uliedha bniet ma kinux qegħdin imorru jarawha*." (a fol. 973).

Da parti tiegħu Dottor George Grech xehed illi:

"*La darba għamilt iċ-ċertifikat sinjal li sibtha tajba*.", "*kapaċi kompletament*" (a fol. 1005)

Huwa fisser illi jiċċertifika li persuna tkun mentalment tajba sabiex tiddisponi b'testment wara li jara li hija orjentata tajjeb, għandha memorja tajba u tagħti raġunijiet validi għal dak li se tagħmel f'dak il-mument. Ferm il-premess huwa żied jgħid illi ma jiftakarx dettalji speċifiċi dwar dan il-każ partikolari.

Mill-modalità ta' kif jinsabu redatti l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti, jidher ċar li hija mhijiex tattakka l-kapaċita' testamentarja t'ommha. Dak li qegħda tallega r-rikorrenti huwa l-fatt tal-qerq li allegatament ġie perpetrat mill-intimat sabiex it-testariċi tiddisponi mill-eredita' tagħha favur tiegħu. Għalhekk, ir-rikorrenti tinvoka l-Artikolu 605 tal-Kodiċi Ċivili. Il-parti li hija ta' rilevanza għall-każ ta' llum huwa l-Artikolu 605 (1) (ċ) li jipprovdi hekk:

*(1) Kull min –*

*(ċ) ikun ġiegħel, jew bil-qerq ġiegħel lit-testatur biex jagħmel testment, jew biex jagħmel jew ibiddel xi dispożizzjoni testamentarja;*

*Jitqies bħala mhux denn u, bħala tali, ma jkunx kapaċi biex jirċievi*

Sabiex tirnexxi l-azzjoni u jiskattaw is-sanzjonijiet ravviżiti f'din id-dispożizzjoni jeħtieġ illi ssir il-prova tal-vjolenza jew dolo. Din il-prova tinkombi fuq min jallega tali aġir, f'dan il-każ ir-rikorrenti trid turi bi provi ċari u konkludenti li l-intimat huwa ħati bħala perċimes jew bħala kompliċi tal-atti minnha allegati[1]. Din il-prova hija waħda odjuża u għalhekk fejn il-provi ma jkunux ċari u konkludenti, id-dubju għandu jimmilita favur min jinsab rinfaċċjat b'tali akkużi, f'dan il-każ, l-intimat.

Fil-każ in diżamina, r-rikorrenti qegħda tgħid illi l-kunsens tat-testatriċi kien karpit b'qerq. A tenur tal-Artikolu 974 tal-Kap. 16, il-kunsens mogħti bi żball, meħud bi vjolenza jew b'għemil doluż ma jkunx jiswa. Fit-termini tal-Artikolu 981(1) tal-Kap. 16, l-għemil doluż huwa motiv ta' nullità ta' ftehim meta l-ingann ikun tali li mingħajru l-parti l-oħra ma kinitx takkonsenti. Hawnhekk il-prova trid tkun tali li jintwera sodisfaċentement illi l-parti tkun xjentement użat raġġiri frawdolenti jew artifizji gravi. Għalhekk, sabiex tirnexxi l-azzjoni msejjsa fuq il-qerq, irid jiġi ppruvat li ġie eżerċitat għemil ta' natura tali li jqarraq anki persuna diliġenti li tkun ħadet parir u mxiet b'kawtela. Finalment, trid ukoll issir il-prova li l-qerq kien determinanti għall-volontà tal-parti mqarrqa[2]. Ġie ritenut ukoll illi sabiex il-qerq jammonta għad-dolo rikjest mil-liġi bħala raġuni għat-tħassir ta' kuntratt, dan irid ikun tali li ma jħallix lill-kontrajent ingannat il-kuxjenza ta' dak li kien qiegħed jagħmel u l-indipendenza tal-kunsens tieghu; u tali wkoll li mingħajru ma kienx jikkuntratta. Peress illi d-dolo jinduċi għall-iżball, il-qerq irid ikun tali li jkun invinċibbli[3].

---

[1] Ara: Kan. Dekan Francesco Camilleri et vs Salvina Camilleri, Qorti tal-Appell, 19 ta' Mejju 1947; Catherine Mifsud Bonnici vs John Desira et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 24 ta' Ġunju 2010

[2] Ara: Galea vs Zammit, Qorti tal-Appell, 3 ta' Diċembru 1919; Galea vs Bonnici, Kollezz. Vol C pg 592

[3] Dimech vs Zimmermann Barbaro et, Qorti tal-Kummerċ, 7 ta' Diċembru 1935 (Kollez. Vol. XXIX.ii.832);

Fil-kawża fl-ismijiet Vincent Cachia vs Carmelo Cachia deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar 1957 il-Qorti tat spjegazzjoni pjuttost dettaljat ta' dak illi jikkostitwixxi qerq fit-termini li trid il-liġi. Ingħad hekk:

> *'Illi, ghal dak li jirrigwarda l-portata tat-terminu "pressjoni", uzat fic-citazzjoni, ghandu jinghad illi din l-espressjoni tista' tigi riferita ghall-qerq jew ghall-vjolenza, izda wehedha la tfisser qerq u lanqas vjolenza. '*
>
> *Illi l-qerq jikkonsisti f'dawk il-maneggi frawdolenti li bihom jigi nfluwenzat l-animu tat-testatur, u bihom tigi karpita disposizzjoni testamentarja li diversament hu ma kienx jaghmel; u l-forma li l-qerq jassumi konkretament tvarja skond l-ingenjozita' tal-bniedem. Izda biex iwassal ghall-vizzju tal-volonta' u ghan-nullita' relattiva ta' disposizzjoni testamentarja, il-qerq irid ikun ingust, gravi u determinanti. Hekk il-Qorti tal-Appell ta' Perugia (Giuris It. 1874, 2,60):- "Tutto cio' che agisce sull'intelligenza del testatore ne falsa i concetti, ne corrompe i giudizi, insinuandogli delle idee, facendogli adottare delle resoluzioni che egli, lasciato a se' stesso, sarebbe stato ben lunghi dall'adottare, tutto cio' che non male arti, con riprovevoli blandisie, e' diretto a conciliare l'altrui benevolenza affine di conseguire quelle liberalita' che altrimenti non si sarebbero ottenute, tutto questo complesso di cose costituisce l'essenza della suggestione e della captazione dolosa, ed e' causa di nullita' dei testamenti, rispetto ai quali stanno i predetti vizi come ai contratti la violenza e la frode.*
>
> *Izda, kull kura, zeghil, attenzjoni, suggerimenti, insistenzi, li ma jkunux akkompanjati minn "male arti", minn artifizi riprovevoli, ma jikkostitwux il-qerq; ghax l-essenza tal-qerq tikkonsisti precizament f'dik is-suggestjoni li bhala effett tal-ingann tissoggjoga l-volonta' ta' min isofriha*.'

Fis-sentenza fl-ismijiet Rachel Loporto Montebello noe vs Dorothy Refalo et deċiża fis-6 ta' Diċembru 2013, il-Qorti tal-Maġistrati (Sede Superjuri), Għawdex osservat illi:

*"Ghandhom ukoll relevanza qawwija d-deposizzjonijiet ta' nies professjonali, bhat-tabib kuranti tat-testaturi u n-Nutar li ghamel it-testment, dwar l-istat u l-komportament tat-testatur fiz-zmien relevanti. Imbaghad fejn hemm l-allegazzjonijiet dwar raggiri, kaptazzjoni u mezzi lleciti ohra li jeffettwaw il-kunsens tat-testatur, il-provi ghandhom ikunu cari u konkludenti. Diversament, f'kaz ta' dubju, dan ghandu jmur favur il-konvenut li kontra tieghu tkun ezercitata din l-azzjoni[4]. Illi sabiex l-eghmil qarrieqi jkun motiv ta' nullita', irid jintwera illi l-qerq uzat kien ta' entita' tali illi, kieku ma kienx sar, it-testatur ma kienx jaghmel id-disposizzjonijiet li kien effettivament deher illi ghamel. Irid jirrizulta, ghas-success tal-azzjoni, illi l-volonta' tat-testatur tkun giet imdawwra bhala rizultat dirett ta', u b'effett tal-qerq adoperat fuqu. Hekk biss ir-raggiri jkunu effettwaw il-kapacita' tat-testatur. Mhux bizzejjed li ttestatur ikun qaghad ghax-xewqa ta' persuna ohra, u li jkun ikkuntentaha fid-disposizzjonijiet testamentarji. Daka ma jammontax ghall-qerq."*

Issir ukoll referenza għall-kawża fl-ismijiet Emanuel Hayman et vs Mary Caruana et deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fis-6 t'April 2011 fejn il-Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet li huma ta' siwi għall-każ ta' llum:

*"Illi ghal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-kaz tal-lum, din il-Qorti trid toqghod fuq dak li tinbena fuqu l-azzjoni attrici. F'din il-kawza, l-atturi jqisu li l-ahhar testment ta' Maria Carmela Hayman ma jiswiex ghaliex kien ir-rizultat ta' pressjoni li huma jghidu li saret mill-imharrkin jew min minnhom b'mod li r-rieda tat-testatrici ma kinitx dik li tohrog mill-imsemmi testment;*

*Illi ghalhekk, il-kwestjoni legali ewlenija m'hijiex dwar jekk Maria Carmela Hayman kinitx f'qaghda mentali li taghmel testment, imma jekk ir-rieda taghha meta ghamlet l-ahhar testment kinitx suggetta għall-pressjoni maghmula minn haddiehor u mhux ir-rizultat tar-rieda hielsa taghha. Dan qieghed jinghad ghaliex, ladarba l-atturi ghazlu li jibnu l-*

[4] Camilleri et vs Camilleri, Appell Civili, 19 ta' Mejju, 1947.

*azzjoni taghhom fuq il-kawzali tal-vizzju tal-kunsens minhabba r-rieda mgieghla tat-testatrici, ifisser li huma implicitament jaccettaw li l-imsemmija testatrici kellha l-kapacita' li taghmel testment. L-impunjazzjoni ta' testment fuq il-kawzali tal-pressjoni jew vjolenza fuq ir-rieda tat-testatur m'hijiex kompatibbli mal-impunjazzjoni ta' testment fuq il-kawzali tal-inkapacita' mentali tal-persuna li tagħmel testment[5]. Naturalment, il-hila jew kapacita' mentali ta' persuna li taghmel testment tista' titfa' dawl fuq il-kwalita' ta' hazen li jinqeda bih haddiehor biex iwebbilha taghmel testment;*

*Illi meta wieħed jitkellem dwar pressjoni jew vjolenza fuq il-kunsens ta' persuna fil-kaz ta' testment, ikun qiegħed jitkellem dwar l-istess raguni li s-soltu twaqqa' kull rabta kuntrattwali ohra maghmula inter vivos[6]. Filkaz ta' testment, izda, il-ligi tissanzjona lil min ikun gieghel persuna biex taghmel testment jew li taghmlu mhux skont ir-rieda hielsa taghha billi ggib lil dik il-persuna bhala wahda li ma jisthoqqilhiex li tiret lit-testatur li jkun[7];*

*Illi fil-kaz ta' vjolenza li twassal għal thassir ta' testment jingħad li "non si esige un timore capace di influire sopra un uomo vigoroso; basta che i fatti siano tali da poterne dedurre che il testatore non abbia disposto di sua piena volonta', o che la violenza produsse un costringimento capace di obbligare il testatore a fare quello che non avrebbe voluto"[8];*

*Illi huwa mizmum li biex l-ghemil qarrieq ikun mottiv ta' nullita' irid jintwera li l-qerq uzat ikun tali li, minghajru, it-testatur ma kienx jaghmel id-disposizzjonijiet testamentarji li fil-fatt għamel. Il-fatt wahdu li testatur jiddisponi f'testment b'mod li joqghod għax-xewqa ta' persuna ohra u biex jikkuntentaha ma tqiesx bhala bizzejjed biex jista' jinghad li tali testment huwa frott il-qerq. Ghaliex biex l-impunjattiva tirnexxi jehtieg jirrizulta li r-rieda tat-testatur*

[5] App. Civ. 28.5.1926 fil-kawza fl-ismijiet D'Anastas utrinque (Kollezz. Vol: XXVI.i.498).
[6] Art. 974 u 977 tal-Kap 16.
[7] Art. 605(1) (e) tal-Kap 16.
[8] Laurent Principii di Diritto Civile (Vallardi Editore, 1881) Vol VIII, Cap. V, sez. IV, nn 4 e 2.

*giet imdawra minhabba tali qerq u li t-testatur ma kienx jiddisponi kif iddispona li kieku ma kienx għall-qerq li twettaq fuqu*[9]*;*

*'Illi f'dan ir-rigward inghad li l-fatt li persuna terga' tahsibha wara li tkun ghamlet testment u turi x-xewqa li trid tibdel dak li ghamlet ma jfissirx b'daqshekk li dik il-persuna ma hijiex f'qaghda li turi fehma gdida jew li dik il-fehma gdida hija ta bilfors ir-rizultat ta' pressjoni li jaghmel haddieħor fuqha*[10]*; Illi mbaghad hemm il-kwestjoni tal-grad tal-prova li jrid jintlahaq biex iwassal ghall-konvinciment li, minn dak li jidher, il-mejta kienet tassew giet imgeghla jew imhajra b'qerq tersaq biex taghmel it-testment. Dawn il-provi riedu wkoll jintrabtu mal-waqt li kien qiegħed isir it-testment minnhom attakkat u mhux minn cirkostanzi li jkunu dehru fi zminijiet ohrajn, qabel jew wara l-fatt*[11]*;"*

Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza Agius vs Agius (8 ta' Lulju 2004) fejn ġie ribadit:

*"Illi fir-rigward ta' azzjoni bħal din huwa stabilit li, qabel kull ħaġa oħra, irid jiġi ippruvat li kien hemm vjolenza jew qerq magħmul minn dik il-persuna li qegħda titqies bħala inkapaċi li tiret, jew li almenu xxierket ma' persuna oħra biex iseħħu tali vjolenza jew tali qerq. Minħabba n-natura odjuża ta' xilja bħal din, huwa stabilit ukoll li f'ħaġa bħal din 'il-provi għandhom ikunu ċari u konkludenti. Diversament, f'każ ta' dubju, dan għandu jmur favur il-konvenut li kontra tiegħu tkun eżerċitata din l-azzjoni'*[12]*;*

*'Illi huwa miżmum ukoll li biex l-għemil qarrieq ikun mottiv ta' nullita' jrid jintwera li l-qerq użat ikun tali li, mingħajru t-testatur ma kienx jagħmel id-dispożizzjonijiet testamentarji*

[9] App. Civ. 15.2.1957 fil-kawz a fl-ismijiet Cachia vs Cachia et (Kollez. Vol: XLI.i.83)
[10] App. Civ. 2.3.2010 fil-kawz a fl-ismijiet Victoria Xuereb vs Joseph Refalo et Pagna 8 minn 13.
[11] P.A. 8.3.1952 fil-kawz a fl-ismijiet Mifsud et vs Giordano et (Kollez. Vol: XXXIV.ii.404) Pagna 9 minn 13.
[12] App. Ċiv. **19.5.1947** fil-kawża fl-ismijiet **Camilleri et vs Camilleri** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.73**)

*li fil-fatt għamel. Il-fatt waħdu li testatur jiddisponi f'testment b'mod li joqgħod għax-xewqa ta' persuna oħra u biex jikkuntentaha ma tqiesx bħala biżżejjed biex jista' jingħad li tali testment huwa frott il-qerq. Għaliex biex l-impunjattiva tirnexxi jeħtieġ jirrizulta li r-rieda tat-testatur ġiet imdawra minħabba tali qerq u li t-testatur ġiet imdawra minħabba tali qerq u li t-testatur ma kienx jiddisponi kif iddispona li kieku ma kienx għall-qerq li twettaq fuqu.[13]".*

Fid-dawl tal-insenjamenti hawn fuq spjegati, il-Qorti tgħaddi billi tqis jekk il-fattispecie tal-każ quddiemha jikkwalifikawx għal qerq kif trid il-ligi

Fl-ewwel lok, il-Qorti tqis illi hija sodisfatta mill-provi in atti li t-testatriċi, minkejja l-eta' avvanzata tagħha, kienet sana di mente suffiċjentement sabiex tiddisponi mill-eredità tagħha b'testment. Ma tirriżulta ebda prova li t-testatriċi kienet afflitta minn dimenzja, jew li ma kinitx orjentata tajjeb jew li kienet qegħda tħawwad u timmaġina kif tallega r-rikorrenti. Hija biss ir-rikorrenti li għamlet tali allegazzjonijiet fir-rigward t'ommha. Ir-rikorrenti naqset pależement milli tressaq sabiex jixhed lit-tabib kuranti tat-testatriċi jew lil xi tabib ieħor li seta' jitfa' dell fuq l-istat ta' saħħa mentali tagħha. Inutli għar-rikorrenti li tistrieħ fuq notamenti mniżżla fil-file mediku tat-testatriċi u fuq mediċini li din kienet tieħu jekk imbagħad ma ressqet ebda xhud għal-konferma ta' dak li hemm imniżżel fil-file u aktar minn hekk sabiex jamplifika u jfisser sewwa sew x'kien l-istat ta' saħħa mentali tat-testatriċi.

F'dan il-kuntest, il-Qorti qieset ukoll il-fatt li l-azzjoniji attriċi mhijiex tattakka l-validità tat-testmenti ta' Maria Portelli għaliex afflitta minn inkapaċita' testamentarja li allura, awtomatikament ifisser li r-rikorrenti qegħda tirrikonoxxi li ommha kellha dawk il-fakultajiet mentali suffiċjenti sabiex tagħmel testment.

Għad illi r-rikorrenti tallega ripetutament li l-intimat qarraq b'ommhom u nduċiha tagħmel testmenti li jiffavorixxu lilu, in atti ma jirriżultawx provi ta' aġir qarrieqi. Il-Qorti qegħda wkoll tieħu in konsiderazzjoni x-xhieda tan-Nutar Dottor James Grech meta

---

[13] App. Ċiv. **15.2.1957** fil-kawża fl-ismijiet **Cachia vs Cachia et** (Kollez. Vol: **XLI.i.83)**

dan xehed li t-testatriċi qaltlu li riedet tbiddel it-testment tagħha għaliex uliedha l-bniet ma kinux iżuruha. Tqis ukoll ix-xhieda ta' Josiah Grech meta dan xehed dwar kemm kien jagħmel m'ommu l-intimat, li kien hu l-*primary contact person* għal kull bżonn li kellhom il-ġenituri tiegħu u li fuq kollox ir-rikorrenti kienet mimlija rabja għal ħuha u dwar dan kienet tagħti diversi battikati lill-ommha sal-punt li din tispiċċa tħossha ħażin. Hija l-fehma tal-Qorti li l-motivazzjoni ta' Maria Portelli li wasslitha tagħmel testmenti addizzjonali u bihom tbiddel il-laxxitu u taġevola aktar lill-intimat, ma kienitx il-qerq perpetrat mill-intimat, qerq li minn imkien ma jirriżulta, iżda sempliċement xewqa konsapevoli li ma tippremjax lil min fl-aħħar ta' ħajjitha kien qiegħed jikkawżalha tant inkwiet. Kif jingħad fil-brani ġurisprudenzjali ċitati aktar 'il fuq, il-fatt li testatur jiddisponi minn ġidu kif l-aħjar illi jidhirlu ma jfissirx b'daqshekk li dan huwa riżultat ta' għemil qarrieqi. Il-Qorti tirribadixxi li fil-każ ta' llum tali għemil ma jirriżultax.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet ta' fatt u dritt il-Qorti sejra tiċħad l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti.

It-tieni parti tal-ilment tal-attriċi jiffoka fuq il-miżapproprjazzjoni allegatament imwettqa mill-intimat.

Ir-rikorrenti tpinġi stampa tal-intimat bħala bniedem li dejjem kien ta nkwiet għall-ġenituri tiegħu u li kien iħawwad fl-amministrazzjoni tal-patrimonju tagħhom sabiex jieħu għalih flejjes li kien jiġbor mill-kirijiet varji u miċ-ċnus fuq diversi proprjetajiet tal-ġenituri.

L-ilment tar-rikorrenti f'dak ir-rigward jista' jingħad illi jinqasam fi tnejn u cioè miżapproprjazzjoni ta' proprjetà u miżapproprjazzjoni ta' flus. In kwantu l-allegata miżapproprjazzjoni ta' proprjeta' ir-rikorrenti ma ressqet ebda prova ta' dan. Effettivament lanqas biss imqar għamlet aċċenn għal liema proprjeta' kienet qegħda tirreferi.

Minn qari tal-inkartament voluminuż li jsawwar il-proċess *de quo* jidher illi l-pretensjoni attriċi hija dwar is-somma ta' €9,081.70 rappreżentanti kirjiet u ċnus li ġabar l-intimat minn Ġunju sa Novembru tas-sena 2008. F'dan ir-rigward però ir-rikorrenti

rrikonoxxiet meta xehdet quddiem din il-Qorti illi fir-rigward ta' din is-somma ta' flus saret kostituzzjoni ta' debitu. Huwa proprju fil-kors tax-xhieda tagħha illi r-rikorrenti tistqarr li din hija s-somma li fil-fehma tagħha ġiet miżapproprjata.

Fl-affidavit tiegħu l-intimat stqarr li jista' jkun li mill-ammont kollu minnu dovut żamm xi flejjes għalih bħala kumpens għax-xogħol kollu li kien jagħmel fl-interess tal-ġenituri tiegħu u cioè billi jieħu ħsiebhom u billi jiġbor hu l-kirjiet u ċ-ċnus li altrimenti ħutu ma kienux jieħdu nteress li jiġbru.

Għad illi kien jinkombi fuq ir-rikorrenti li tagħmel il-prova tal-miżapproprjazzjoni, ir-rikorrenti naqset pależement milli tagħmel dan. Kien proprju l-intimat li spiċċa jressaq provi biex juri li effettivament ottempra ruħu mal-obbligazzjonijiet minnu assunti. F'dan ir-rigward u minn eżami tad-dokumenti in atti, sia *statements* bankarji kif ukoll riċevuti oħra, jirriżulta li l-intimat irrifonda lura s-somma ta' €8,400.95 u dan billi għadda l-pagamenti lill-Avukat Dottor Bertrand Schembri. Il-Qorti qieset illi meta xehed l-Avukat Schembri huwa qal li m'għandux kopji tal-irċevuti tal-ħlasijiet li saru mill-intimat u l-intimat xehed li meta talab l-irċevuti lill-Avukat Schembri dan wieġeb li ma setax jassistih ġialadarba kienet diġà infetħet din il-kawża. In ogni każ, l-avukat Schembri xehed illi l-intimat żgur illi kien għaddielu s-somma ta' Lm3000 ekwivalenti għal €7,000.

L-intimat xehed illi kien hemm diversi spejjeż ta' mediċini u oħrajn għall-ħajja ta' kuljum tal-ġenituri tiegħu li kien iħallas bil-flus li kien jiġbor mill-kirjiet u ċ-ċnus. Xehed ukoll illi ħallas diversi spejjeż għall-manutenzjoni tal-postijiet mikrija spejjeż li komplessivament ammontaw għas-somma ta' €7,895.32, somma li tinsab korroborata minn diversi fatturi. Dawn l-ispejjeż kien iħallas għalihom mir-rikavat tal-kirjiet u ċnus. Ir-rikorrenti ma kkontrastatx ix-xhieda tal-intimat in kwantu spejjeż li hu qal illi ħallas kif lanqas ma kkontestat l-ammonti li semma.

Kif sewwa josserva l-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-punt huwa jekk l-intimat ħallasx is-somma ta' €8,400.95 b'tant illi allura fadallu jħallas bilanċ ta' €680.75 mis-somma ta' €9081.70 jew inkella ħallas is-somma ta' €7,000 u allura fadallu

jħallas bilanċ ta' €2081.70. Madankollu, tħallsitx o meno s-somma kollha ta' €9,081.70 ftit li xejn għandu mportanza fl-ambitu ta' din il-kawża u dan għaliex it-talbiet attriċi mhumiex tali sabiex l-intimat jiġi ordnat iħallas xi bilanċ li sa llum jista' jkun illi għadu dovut. It-talba attriċi hija dik dwar sejbien ta' twettieq ta' miżapproprjazzjoni *ut sic*.

Kien jinkombi fuq ir-rikorrenti tagħmel il-prova li l-intimat ħa l-flus tal-kirijiet u ċnus għalih personalment u allura li wettaq miżapproprjazzjoni. Din il-prova ma tirriżultax mill-atti bil-konsegwenza li allura l-azzjoni attriċi ma tistax tirnexxi.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi waqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimat, tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

Tordna lir-rikorrenti tħallas l-ispejjeż kollha ta' din il-kawża.

IMHALLEF

DEP/REG